MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 134/2002

**Strand Electronics Limited**

**vs**

**Joseph Attard**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas is-somma ta’ erba’ mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata, ta’ servizzi rezi u ta’ kiri ta’ makkinarju.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Mejju 2000 u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-konsenja.

Ra r-risposta:

"Illi qabel xejn, dan l-avviz huwa irritu u null ai termini tal-artikolu 907(2) stante illi s-socjeta' attrici baqghet sal-lum ma hallsitx id-drittijiet u spejjez tal-Avviz Nru. 64/01 GM prezentat minnha fuq l-istess meritu, liema avviz mar desert ghaliex l-istess socjeta' attrici naqset li tidher, u ghalhekk l-esponenti qieghed jitlob il-liberazzjoni mill-osservanza ta' dan il-gudizzju.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.  Illi qabel xejn ghandu jigi precizat illi l-esponenti kellu maintenance agreement illi ma giex onorat mis-socjeta' attrici, u ghalhekk l-istess socjeta' attrici ma hijiex intitolata illi titlob il-hlas ai termini ta' dak il-ftehim fuq il-principju 'non adimpletus non est adimplendi'.

Illi lanqas ma kienet korretta is-socjeta' attrici illi takkredita pagamenti, illi il-konvenut ghamel bi hlas ta' oggetti illi huwa xtara minghandha bl-intiza cara illi dawk il-pagamenti kienu ghal dawk l-oggetti, lil negozji guridici diversi mill-prezz ta' dawk l-oggetti, sia ghaliex dan sar kontra il-kunsens u l-konoxxenza tal-konvenut, kif ukoll ghaliex dan sar kuntrarjament ghal dak illi hemm dispost fl-artikoli 1168, 1171 tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema x-xhieda prodotti mill-partijiet kontendenti u qara d-dokumenti esibiti;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra:

Is-somma mitluba mis-socjeta attrici  tirraprezenta prezz ta' zewg invoices,  cioe' invoice numru 7803 datat 26 ta' Jannar 1998 ghall-ammont ta' LM312.3 ghal allegata kunsinna ta' karti u  invoice numru 7919 datat 31 ta' Jannar 1998  ghal servicing ta' photocopier ghall-ammont ta' LM170.66; it-total jigi dak mitlub fl-avviz tat-talba cioe

LM482.96. Ghalkemm it-tieni invoice iggib data ta’ hamest ijiem wara l-ewwel invoice, fil-fatt impjegat tas-socjeta’ attrici kien ghamel is-service fit-23 ta’ Jannar 1998 u cioe’ tlett ijiem qabel id-data tal-invoice dwar il-karti (ara dok SEL-2 a fol 37). Josephine Attard, mart il-konvenut, iffirmat fuq dok SEL-2 biex tikkonferma illi s-service sar.

Il-konvenut spjega li kien xtara minghand is-socjeta’ attrici fotokopjatur akkumpanjat minn service agreement; dan beda jaghmel hsara ta’ spiss u s-servizz ta’ manutenzjoni tieghu ma kienx sodisfacenti; u ghalhekk intlahaq ftehim li permezz tieghu huwa xtara fotokopjatur gdid minghand is-socjeta’ attrici, u hallas ghalih *cash*; u in kontrakkambju s-socjeta’ attrici irrinunzjat ghac-charges tas-*servicing.* Il-fotokopjatur il-gdid gie kkunsinnat u mhallas fit-22 ta’ Jannar 2003 cioe’ fl-istess data li fiha suppost gew ikkunsinnati l-karti, u jum qabel ma sar is-service. Sussegwentement harget l-invoice dwar is-servicing datata 31 ta’ Jannar 1998 kif fuq spjegat. Hija haga tassew stramba kif l-ewwel gie ikkunsinnat il-fotokopjatur il-gdid imbaghad sar is-servicing fuq il-qadim; imma fi kwalunkwe kaz, dak li xehed il-konvenut dwar il-ftehim ma giex kontradett mis-socjeta’ attrici u t-Tribunal ghalhekk ma jara l-ebda raguni l-ghala l-verzjoni tieghu m’ghandhiex tigi emmnuta.

Tibqa’ mbaghad il-kwistjoni dwar il-karti. Il-konvenut jghid li qatt ma rcieva l-invoice SEL-1. Difatti din inzertat hija iffirmata minn xi hadd kunjomu Attard – l-istess kunjom bhall-konvenut. Il-partijiet jaqblu pero’ li din il-firma mhix tal-konvenut jew ta’ martu. Il-photocopier il-gdida giet ikkunsinnata lill-konvenut u mhallsa minnu fl-istess data li hemm fuq l-invoice SEL-1 mill-agent tas-socjeta’ attrici. Ghalhekk il-presunzjoni hi li jekk tabilhaqq saret tali kunsinna, il-konvenut kien jiffirma ghaliha – haga li m’ghamilx u s-socjeta’ attrici m’ghamlet xejn biex tirribatti din il-prezunzjoni. Fil-fatt il-konvenut xehed li ma jiftakarx li rcieva din l-invoice; u li hadd ma semmielu xejn dwarha; u li qatt ma rcieva statement li juri din l-invoice bhal ma hu Dok SEL-4 (ara fol 24). Din il-verzjoni hija wkoll ikkorroborata mill-istatementipprezentat mis-socjeta’

attrici, li juri li wara d-data ta’ din l-invoice il-konvenut hallas flimkien zewg invoices imdahhlin fit-25/11/1997 u fit-27/11/97 u cioe’ li ghandhom dati precedenti ghal din l-invoice, filwaqt illi fid-19/11/98 – ghaxar xhur shah wara - thallset LM550 ghal invoice tal-18/11/98, Ghalhekk l-anqas dwar din l-invoice ma hemm provi konkluzivi li tabilhaqq saret il-kunsinna korrispondenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad it-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fl-avviz tat-talba, bl-ispejjez kontra taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------